**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Marzu 2001.**

**Avviz Nru: 471/00**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**Vs**

**Joe Brown**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u tnejn u erbghin liri Maltin u seba' u disghin centezmu (Lm742.97) rappresentanti l-bilanc fuq bejgh lilu ta' minerali u prodotti ohra tad-ditta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra Ufficcjali tas-6 ta' Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess Ittra Ufficcjali kontra l-konvenut li

gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma mitluba ta' seba' mija u tnejn u erbghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm742.97) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 ta' Marzu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 30 ta' Marzu 2001.**

**Avviz Nru: 335/99**

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vincent Tanti sija bil-polza u sija bil-ligi u b'nota tat-12 ta' Novembru 1999 l-atti gew assunti minn Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance p.l.c. li assumiet id-drittijiet u l-obbligu tas-socjeta' estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vincent Tanti minflok Hugh P. Zammit nomine.**

**Vs**

**Alan Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltin u seba' u disghin

centezmu (Lm920.97) li jinkludu hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) `Excess' imhallas mill-assikurat Vincent Tanti rappresentanti danni kkagunati minnu f'incident awtomobilistiku tal-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Ottubru 1998, f'Ta' Giorni Road, San Giljan bejn il-vettura numru HAO 186 misjuqa minnu u l-vettura numru DAT-285 liema vettura kienet ipparkjata u liema vettura hija propjeta' tal-attur Vincent Tanti, liema incident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Jannar 1999, u dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tieghu kontestwalment ma' dan l-Avviz u bl-imgahx mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra tieghu li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu ghall-ammont huwa ferm u ferm eccessiv stante li d-danni kkagunati fl-imsemmi incident ma kienux tal-entita deskritta.

2. Illi effettivament kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-hsarat sofferti mill-attur gew emendati madwar xahar wara l-imsemmi incident u l-hsarat hemm elenkati ma jirrispekjawx affattu l-hsarat kkawzati fl-imsemmi incident.

3. Illi ghaldaqstant l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-imsemmija sussegwentement ikkagunati u ghaldaqstant jirrisserva li jikkuntesta d-danni minnu verament ikkagunati.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-konvenut ipprezenta nota ta' ammissjoni ghaldaqstant fuq ammissjoni l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma mitluba ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm920.97c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Jannar 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg